# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 30 ta' Novembru 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 235/2019 JPG**
**Kawza Nru: 25**

**NN**

**vs**

**Dr Christopher Chircop u l-PL Helen Valencia sabiex jirrapprezentaw lill-assenti IM**
**U b'digriet tal-4 ta' Mejju 2021, gew estromessi l-Kuraturi Deputati Dr Christopher Chircop u l-PL Helen Valencia u assumiet l-atti Dr Sarah Pirotta Chircop Beck bhala mandatarju tal-assenti IM.**
**U b'digriet tas-6 ta' Frar 2023, gew nominati Kuraturi Deputati Dr Joseph Brincat u l-PL Daniel Aquilina sabiex jirrapprezentaw lill-assenti IM insegwitu tat-terminazzjoni tal-mandat specjali ta' Dr Sarah Pirotta Chircop Beck.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici data 9 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali skond l-inkartament (anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-espenenti kellha relazzjoni mal-intimat f'Malta fl-ahhar tal-2012 u wara ftit marru l-Ingliterra fejn twieldet tifla li jisimha SM f'X;*

3. *Illi waqt illi l-partijiet kienu gewwa l-Ingliterra l-intimat kien vjolenti lejn l-esponenti u dan meta l-minuri kellha biss gimghatejn u minn dakinhar l-intimat abanduna lill-esponenti u lill-minuri u l-esponenti spiccat minghajr saqaf fuq rasha;*

4. *Illi fil-fatt kellha problema biex titlaq mill-Ingliterra u tigi Malta peress illi t-tifla ma kellhiex passaport u bl-ghajnuna tal-ambaxxata fl-Ingliterra giet Malta permess ta' travel document;*

5. *Illi l-minuri l-ewwel giet registrata f'Malta bhala bint missier mhux maghruf (certifikat anness u mmarkat bhala Dok B) u kien biss wara li l-esponenti fethet kawza f'Malta bin-numru 198/2017 LSO deciza 31/10/2017 (dokument anness u mmarkat bhala Dok C) li l-intimat gie mnizzel fuq ic-certifikat tal-twelied (Dok D anness);*

6. *Illi l-esponenti taf li l-intimat jigi spiss Malta izda jghix gewwa Birmingham l-Ingilterra izda ma tafx l-indirizz tieghu;*

7. *Illi l-esponenti fethet medjazzjoni bin-numru 545/19 izda l-intimat baqa' qatt ma deher u ghalhekk kellhom jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil intimat li huwa assenti;*

8. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza permess ta' digriet (hawn anness u mmarkat bhala Dok E);*

9. *Illi l-esponenti kienet qieghda jkollha diffikultajiet minhabba li hafna drabi kien jkollha bzonn il-firma tal-missier specjalment minhabba l-fatt li t-tifla ghandha certa bzonnijiet specjali u ghalhekk hemm gustifikazzjoni ghaliex qieghda titlob l-*

*kura u kustodja u setgha tal-genitur kif ukoll manteniment;*

*Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bir-rispett titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgbha;*

*1.Tafda l-kura u kustodja u s-setgha ta' genitur tal-minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-rikorrenti fid-decizzjonijiet kollha inkluz li tapplika ghal passaport tat-tifla minuri minghajr il-firma tal-missier;*

*2.Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkopri ukoll l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni liema ammont ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghal-binthom minuri fuq imsemmija filwaqt illi tordna u tikkundanna lil-istess intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk liwidata;*

*3.Tordna lil-intimat jhallas l-arretrati ta' manteniment u dan mid-data tat-twelied tat-tifla minuri;*

*Bl-ispejjez inkluzi tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta' Dr Sarah Chircop Beck bhala mandatarju specjali tal-assenti IM, datata 16 ta' Frar 2021, a fol 94 et seq., li taqra hekk:

1. *Illi hija mandatarja specjali ta' l-assenti IM u dan skond prokura hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Illi preliminarjament l-esponent ma jsibx oggezzjoni li r-rikorrenti ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri SM sabiex l-istess rikorrenti tiehu decizjonijiet relatati ma' edukazzjoni u sahha tal-minuri peress li huwa prezentament jghix gewwa l-Ingilterra, b'dana li huwa ghandu jkollu dritt li jistaqsi u jotjeni informazzjoni fuq l-istess minuri. Minkejja dak fuq mghadud, b'referenza ghall-passaport u safar, l-esponenti jopponi li hija tkun tista tapplika ghal passaport tal-minuri u ssiefer lill-*

*minuri minghajr il-htiega tal-firma jew kunsens ta' l-esponenti;*

3. *Illi madanakollu l-esponenti qieghed jopponi bil-qawwa kollha ghall-parti mill-ewwel talba u li permezz taghha r-rikorrenti talbet li tigi fdata bis-setgha ta' genituri u dan stante li ma jirrizultawx il-massimi li trid il-Ligi ghat-tnehhija tas-setgha tal-genitur;*

4. *Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-intimat ma jsib l-ebda oggezzjoni li jmanti lil bintu SM, kif filfatt kien jaghmel qabel ma hija ddikjarat mieghu li l-minuri ma hijiex bintu, u liema ammont ghandu jirrifletti l-introjtu tieghu u l-ispejjez ingenti u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi t-tielet talba hija opposta u ghandha tigi michuda stante li huwa kien ihallas manteniment ghal bintu u kien anke ghadda somma lir-rikorrenti qabel telqet mill-Ingilterra u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;*

6. *Illi huwa jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promutur, senjatament fir-raba premessa, bhala ghal kollox inveritiera u malafamanti tant li r-relazzjoni taghna giet terminata kawza ta' ghejra kbira fil-konfront ta' l-intimat stante li ma riditux li jkollu ebda komunikazzjoni ma' martu CGAM u omm uliedu;*

7. *Illi b'referenza ghas-sitt premessa, l-esponenti jirrileva li ma huwiex minnu li jigi Malta spiss tant li l-ahhar darba li kien Malta kien proprju 2013;*

8. *Illi jinghad ulterjorament li l-esponenti qatt ma deher ghall-medjazzjoni stante li qatt ma kien notifikat u wisq anqas kellu ebda konoxxenxa tal-proceduri. Jinghad li kienet propju r-rikorrenti li dejjem tefghet dubju f'mohh l-esponenti fuq il-paternita tal-minuri SM stante li hi kienet tghidlu li l-minuri ma hijiex bintu;*

9. *Illi fis-sentenza taghha, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba, a tenur ta' l-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tordna access xieraq favur l-intimat;*

10. *Finalment, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati tul il-kawza;*

*11. Salv riposti ulterjuri.*

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023, gew mahtura Dr Joseph Brincat u PL Daniel Aquilina bhala kuraturi deputati ghal-assenti (vide fol 302)

Rat illi Dr Brincat nhar it-23 ta' Ottubru 2023 iddikjara seduta stante illi ma rnexxilux jikkomunika mal-intimat u ma kellux provi x'jipproduci;

Semghet ix-xhieda bil-guramemt;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 28 et seq)*** fejn spjegat illi hi giet Malta fis-sena 2003. Hi kienet mizzewga Malti u sseparat fis-sena 2011. Illi sussegwentement iltaqghet mal-intimat fis-sena 2013 u bdew relazzjoni. Kienu jghixu flimkien San Pawl il-Bahar go post mikri izda lejn l-ahhar ta' Ottubru tas-sena 2013, marru jghixu l-Ingilterra peress li kien sab xoghol hemmhekk. Dak il-perjodu hi kellha erba' gimghat tqala izda kienet tilfet it-tarbija minhabba li l-intimat kien vjolenti maghha, u kien refa' jdejh fuqha meta kien ikun xurban. Tispjega illi wara xahrejn regghet harget tqila, u peress li l-intimat rega' kien vjolenti maghha, iddecidiet li titlaq mill-Ingilterra u tirritorna Malta. Meta kienet Malta, l-intimat kien icempilha u jghidilha li ser jinbidel, u hi kienet iddecidiet li terga' taghtih cans u f'Mejju tas-sena 2014, regghet marret lura l-Ingilterra. Illi f'dan il-perjodu kellha hames xhur tqala. Ghalkemm fil-bidu kollox kien sew, wara xahar l-intimat rega inbidel. Din id-darba ma setghatx tigi lura Malta ghaliex it-tabib ma kienx iffirmalha, u ghalhekk kellha tibqa' hemm. Illi l-minuri twieldet f'Settembru tas-sena 2014, u l-glied baqa' ghaddej anke peress li l-intimat ma riedx li jirregistra lill-minuri bhala bintu. Illi l-intimat lanqas ma ried li jixtri l-bzonnijiet bazici ghat-tarbija. Illi eventwalment fi Frar tas-sena 2015, l-Ambaxxata ta' Malta f'Londra kienet harget *travel document* ghall-minuri, biex b'hekk hi setghet tirritorna lejn Malta flimkien mat-tarbija.

Tishaq illi wara ftit xhur li rritornat lura Malta, l-intimat kien cempel biex jistaqsi fuq il-minuri, u hi kienet infurmatu li ser tiftah kawza, izda wara li ghaddietlu din l-informazzjoni ma regax cempel. Tispjega illi hi kienet taf li l-intimat kellu tifla Malta li kienet maggiorenni u ghalhekk kien sar id-DNA ma' bint l-intimat, fejn kien irrizulta illi huwa ahwa mill-istess missier. F' Jannar 2016, hi kienet regghet telghet l-Ingilterra bit-tifla biex jirregistraw lill-minuri l-Ingilterra, izda l-intimat ukoll prova jevita li jigri dan izda il-minuri kienet sussegwentement giet registrata fit-28 ta' Jannar 2016. Dak iz-zmien hu kien jghaddi manteniment fl-ammont ta' erbghin (40) sterlina fil-gimgha, izda wara li kienet irrifjutat li terga' titla l-Ingilterra bil-minuri, kien qalilha li ma kienx ser jibghat iktar flus. Illi sussegwentement kellha tiftah proceduri gudizzjarji sabiex jigi emendat ic-certifikat tat-twelied tal-minuri Malti.

L-attrici tispjega illi hi rriskontrat diversi problem biex tirregistra lill-minuri ghall-iskola u anke biex tigi operata, u dana peress li kienet tintghalab il-firma tal-intimat. Tirrileva illi hi ma tistax tahdem ghgaliex hi trid tiehu hsieb lill-minuri u m'ghandha l-ebda qraba Malta li jistghu jghinuha bit-tifla. Izzid illi apparti l-ispejjes ta' kuljum, ghandha ukoll spejjes ta' medicina li ma jigux provduti mill-Istat, apparti spejjes ta' kura psikjatrika ghall-minuri.

***Antoinette Farrugia, habiba tal-attrici, xehdet nhar it-9 ta' Ottubru 2020 (vide fol 77 et seq)*** u spjegat illi hija kienet taf lill-attrici peress li kienet l-ex mara ta' huha, certu Twanny. Xehdet illi issa ilha taf lill-minuri minn meta kienet ghadha tarbija, u llum il-minuri ghandha sitt snin. Izzid illi hi l-attrici li tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri, u li l-missier, li jirrisjedi l-esteru, ma jghinx, tant li l-missier lanqas ma jrid ikellem lill-minuri. Tispjega illi l-minuri ghandha bzonn ghajnuna specjali, u li ghadha taghmel uzu min-*nappy* minhabba l-kundizzjoni taghha. Izzid illi hija l-attrici li tiehu lill-minuri ghall-appuntamenti l-isptar.

***L-attrici xehdet nhar it-9 ta' Ottubru 2020 (vide fol 74 et seq)*** u spjegat illi hi pruvat taghmel komunikazzjoni mal-intimat tramite certu Ashref Kalil u dana peress li l-minuri bdiet turi x-xewqa li jkollha kuntatt mal-missier, izda l-missier kien irrifjuta li jkellem lill-minuri. L-attrici tishaq illi Ashref Kalil qalilha illi l-intimat ma jridx ikellem lill-minuri. Izzid illi meta kienet tkellmet mal-intimat, l-intimat kien qalilha illi hu ghandu minn fejn jaghti manteniment ghall-minuri, izda ma jridx jaghmel dan.

***L-attrici ri-prodotta nhar is-27 ta' Jannar 2021 (vide fol 99 et seq)*** spjegat illi mill-ahhar accertamenti li saru fuq il-minuri, irrizulta illi n-nervituri tal-musrana tal-minuri huma mejta. Spjegat illi minhabba din il-problema hija kellha tieqaf mix-xoghol sabiex tkun tista tmur tbiddel in-*nappy* tal-minuri waqt li tkun qieghda l-iskola skond il-bzonn. Ziedet illi l-minuri trid tiekol dieta apposta, taghmel l-i*sports*. Minkejja li inghatat post tal-gvern, l-attrici rilevat illi hi mhux qieghda tlahhaq bir-*relief* biss mal-ispejjes tal-minuri

***Sup Louise Calleja, stazzjonata s-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni, xehdet nhar is-27 ta' Jannar 2021 (vide fol 103 et seq)*** u spjegat illi ma sabet l-ebda *records* dwar il-movimenti tal-intimat. Tixhed illi r-*records* li jkollha l-Pulizija, huma biss limitati ghall-hrug u dhul barra z-zona s-Schengen u ghalhekk huma ma jkollhomx *records* ta' movimenti gewwa z-zona Schengen.

***Dr Cynthia Tomasuolo xehdet nhar l-10 ta' Gunju 2021 (vide fol 143 et seq)*** u spjegat illi ma rrizultalhom xejn mir-ricerki li saru fuq il-konvenut.

***Joseph Ribans, in rapprezentanza ta' Identity Malta, xehed nhar l-10 ta' Gunju 2021 (vide fol 146 et seq)*** u spjega illi ghalkemm l-intimat jidher li ghandu cittadinanza Maltija, qatt ma ghamel ID Card Maltija ghalkemm jidher illi seta' kellu *residence card* li skadiet fis-sena 2012. Ix-xhud stqarr illi huma ma rcevew l-ebda rapport li saret xi ID card falza mill-intimat, pero mir-ricerka li saret jidher illi l-intimat qatt ma kellu ID Card Maltija u fl-eventwalita' li dan ghandu Id Card Matilja, din ma nhargitx mid-Dipartiment tieghu.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud jishaq illi l-*identity card number* jitwieled mal-persuna u jmur mal-persuna ghalkemm hemm modi kif dan jista' jinbidel, bhal persuna li tigi adottata, pero din hija l-eccezzjoni u mhux in-norma.

L-attrici prezentat affidavit iehor (vide fol 154 et seq) fejn indikat l-ispejjes mensili li hija tinkorri ghall-minuri.

Illi ***viva voce nhar l- 20 ta' Ottubru 2021 (vie fol 156 et seq)***, l-attrici sostniet illi l-intimat ghamilha offerta ta' manteniment fl-ammont ta' EUR 200 fix-xahar u avzaha illi hu mhuwiex bi hsiebu li jhallas l-arretrati.

***Dr Julie Galea, Consultant Paediatric Suregon Mater Dei, xehdet nhar l-20 ta' Ottubru 2021 (vide fol 160 et seq)*** u spjegat illi l-minuri ghandha *a form of autisim*, u ghandha *mild*

*cognitive deficit* u kif ukoll *socialization and communication issues*, u kif ukoll *auditory and sensory processing issues* li bil-mod qieghdin jitjiebu. Izzid illi l-minuri jarawha ukoll mic-CDAU. Xehdet illi l-problema tat-*toilet* hija relatata ma' din il-kundizzjoni, pero' bil-mod qieghda tmur ghall-ahjar u li l-minuri ghandha bzonn zmien sabiex tidhra dawn is-sensjazzjonijiet differenti meta jkollha bzonn il-*bathroom*. Ix-xhud tispjega illi l-kwistjoni ma tirrigwardax il-musrana, u mhix kwistjoni li l-musrana ma tahdimx, imma huma relatati mas-*sensory issues* tal-minuri, il-crux huwa l-mod kif il-minuri tippercepixxi is-sensazzjoni tal-musrana.

***Paul Sammut, Kap tal-Iskola, Primarja Zurrieq Kullegg San Benedittu, xehed nhar il-15 ta' Dicembru 2021 (vide fol 170 et seq)*** u spjega illi l-minuri tattendi l-iskola tieghu u llum qieghda fir-raba sena tal-primarja. Jixhed illi l-minuri ghandha LSE u li ghandha bzonn l-ghajnuna kemm akkademikament u anke fizikament. Jikkonferma illi dejjem kienet l-omm li hadet hsieb il-bzonnijiet tal-minuri u li hu ma jafx lill-missier. Izid illi l-omm tgahmel aktar mill-mija fil-mija ta' dak li hemm bzonn ghaliex hija hi li taf bil-bzonnijiet tal-minuri.

***L-intimat xehed permezz ta' affidavit (vide fol 227 et seq)*** fejn spjega illi r-relazzjoni tieghu mal-attrici bdiet f'Marzu tas-sena 2013, u f' Ottubru tal-istess sena kienu marru l-Ingilterra. Illi wara ftit li marru jghixu l-Ingilterra, bdew l-argumenti, fejn l-attrici kienet fuq bazi regolari taqbad xi argument, jew ghax kien baqa' icempel lil ex mara tieghu, jew ghax cempel lit-tfal tieghu jew ghax jibghatilhom xi flus. Illi filfatt l-attrici baqghet tinsisti illi huwa jaqta' kull kuntatta minn maghhom. Illi filfatt meta martu kienet telghet bit-tifla Londra ghaliex kellha tigi operata, l-attrici ma riditx li huwa jmur. Illi filfatt l-attrici kienet baqghet sakemm cemplet lil ex-mara tieghu. Illi minn dakinhar baqghet tibghatilha messaggi anke permezz tal-*media* socjali. Izid illi l-attrici kienet tefaghtlu l-passaport fil-*washing machine* biex ma jkunx jista' jsiefer. Illi fi Frar tas-sena 2014, l-attrici kienet niezlet lura Malta u kienet ghamlet sa Mejju 2014, b'dana illi irritornat lura l-Ingilterra ghaliex riedet li twelled lit-tarbija l-Ingilterra minhabba xi beneficcji li l-joffri l-Gvern Ingliz. Izid illi kien ukoll ghalhekk li l-minuri giet registrata bhala wild missier mhux maghruf.

Huwa jichad illi huwa kien vjolenti mal-attrici, u jishaq illi kienet l-attrici li kienet taghmel rapporti foloz u dan bi pjan li tibghatu l-habs. Illi filfatt fit-8 ta' Ottubru 2014, l-intimat jispjega illi gie arrestat. Jispjega illi f'okkazzjoni minnhom l-attrici kienet qabdet sikkina u bdiet thedded li ser twegga lilha nnifsiha. Illi eventwalment, jispjega illi kien hemm *bail*

*conditions* li ma jersaqx lejha, pero' huwa xorta wahda baqa' jghaddilha l-flus ghall-minuri u anke baqa' jhallas il-kera tal-post fejn baqghu jirrisjedu fih l-attrici u l-minuri sakemm telqu mill-Ingilterra fi Frar tas-sena 2015.

Isostni illi l-attrici mhiex affidabbli, tant illi minkejja li dawn il-proceduri gew istitwiti kontra kuraturi, hija kellha kuntatt mieghu, tant illi hi baqghet iddejqu u theddu b'messaggi u telefonati. Illi darba minnhom minkejja li kienet tkun hi li kient tghidlu biex jerga jmur jghix maghhom, xorta wahda kienet ccempel taghmel rapport illi l-intimat kien kiser il-*bail conditions.* Meta f' Jannar tas-sena 2016 telghet biex tirregistra lill-minuri l-Ingilterra, huwa ma kienx jaf li gejja, u jinsisti illi huwa kien ghaddilha kemm flus kontanti u anke saru *bank transfers*, u kien anke hallsilha *hotel u tickets* biex tmur lura Malta u anke *ticket* ghat-Tunezija.

Jispjega illi l-attrici qatt ma infurmatu bil-kondizzjoni tal-minuri, u jichad li kien hu li qalilha biex tirritorna l-Ingilterra. Izid illi l-attrici bdiet ukoll iccempel lil oht l-ex mara tieghu certu Christine Gatt minn Awwissu tas-sena 2017, fejn kienet qieghda tavzaha illi hija qieghda ttitrenja lil binthom SM biex taghti daqqiet ta' sikkina u taqla ghajnejn ulied l-intimat u l-ex-mara tieghu. Illi l-attrici kient ukoll thedded lill-ex mara tieghu li ser tkaxkara mal-art u titfaha l-isptar, u li sahansitra lesta li tidhol l-isptar.

Rigward manteniment, l-intimat jishaq illi huwa ma jistax ihallas EUR 350 fix-xahar, minn paga ta' £1000 fix-xahar li minnha jridu jghixu zewg adulti, 2 itfal, ihallas il-kera, il-*council tax*, dawl, ilma u gass, *fuel* u kif ukoll xi medicina li ma tigix provduta mill-NHS.

***L-intimat xehed permezz ta' teams nhar it-28 ta' Marzu 2022 (vide fol 232 et seq)*** u meta mistoqsi jekk l-attrici kienitx nizlet lura Malta minhabba vjolenza da parti tieghu, l-intimat jichad dan izda jixhed illi hu kien jirrabja maghha. Izid jichad illi huwa ma kellu l-ebda involviment li wassal lill-attrici sabiex titlef l-ewwel tarbija u jishaq illi effettivament l-attrici ma kienitx tqila. Jichad li kien hu li talab lill-attrici tigi lura, u jinsisti illi din kienet biss decisjoni taghha u jikkonferma illi kien qieghed jistenniha l-ajruport meta waslet lura. B'referenza ghall-incident fejn allegatament huwa gara tazza lejn l-attrici, l-intimata jispjega illi waqt argument li kellhom caqlaq idejh u taret it-tazza izda ma kienx hu la gara lit-tazza. Isostni ukoll illi l-attrici ma riditx li l-minuri bint il-partijiet tkun registrata fuq ismu. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni illi ma jersaqx lejn l-attrici, l-intimat jikkonferma dan. Mistoqsi fuq il-fatt li l-attrici ghamlet DNA Test biex il-minuri tigi

registrat fuq ismu minkejja li skond l-intimat l-attrici ma riditx li l-minuri tkun fuq ismu, jishaq illi huwa ma jafx li sar DNA test u sar jaf wara l-proceduri tal-Qorti u li sar fuq bintu l-ohra CL. L-intimat jishaq illi hu m'ghandux kuntatt ma' din bintu CL, pero kien hemm zmien fejn kien jghaddi manteniment.

Jirrileva illi l-ahhar li kellem lill-minuri bint il-partijiet kien fis-sena 2016, u spjega illi kien waqqaf il-kuntatt mal-minuri, ghaliex meta kien iccempilha, l-omm kienet qieghda tkun hdejha tghidilha x'ghandha tghidlu u ma kienitx t-tifla li kienet tkun qieghda tkellmu. Jikkonferma ukoll illi qabel id-digriet tal-Qorti, l-ahhar manteniment li kien hallas kien ukoll fis-sena 2016 u ghalhekk mis-sena 2016 sas-sena 2022, huwa ma hallas l-ebda manteniment. Mistoqsi fuq is-somma ta' sitt elef sterlina li huwa allegatament ghadda lill-attrici, l-intimat jishaq illi huwa m'ghandux prova ta' dan stante li kien ghadda dawn il-flus permezz ta' flus kontanti u li l-*bank transfer* fl-ammont ta' tletin (30) sterlina kienet ghal *taxi*.

Rigward ir-rikonoxximent, l-intimta jispjega illi l-attrici kienet marret l-Ingilterra biex tirregistra lill-minuri bhala bintu l-Ingilterra, u dak iz-zmien id-DNA Test kien diga sar, pero hu sar jaf b'dan kollu meta gew konkluzi l-proceduri ta' rikonoxixment f'Malta. Mistoqsi jekk huwiex konsapevoli tal-kundizzjonijiet medici tal-minuri, l-intimat jixhed illi huwa jaf bil-problema tal-imsaren u jishaq illi sar jaf b'dan mill-kawza, pero' ma kienx jaf li l-minuri qieghda taht kura psikjatrika. L-intimat jishaq illi hu jaf li l-minuri ghandha LSA l-iskola.

Mistoqsi jekk huwiex bil-hsieb li jirritorna Malta, l-intimat jindika illi ghal issa m'ghandux il-hsieb li jigi lura, pero' irid li jkun involut fil-hajja tal-minuri. Jishaq illi huwa impossibbli li jaghmel komunikazzjoni mal-attrici, ghaliex maghha ma tistax titkellem, u dana peress li hi dejjem thedded u jinqalghu hafna argumenti. Mistoqsi rigward l-ammont ta' manteniment, l-intimat jixhed illi huwa jista' jhallas biss sa mitejn u hamsin ewro. Jikkonferma illi huwa telaq minn Malta fis-sena 2013, u ghandu informazzjoni illi l-attrici ma tixtrihomx n-nappies, tant li miz-zejda li jkollha hija tqassamhom lin-nies.

Jikkonferma illi huwa qatt ma ghamel talba biex ikollu kuntatt mat-tifla, anke ghaliex fil-passat meta kien ikellem lit-tifla, kienet tkun l-omm li tkun qieghda tniggez u tiddetta lill-minuri x'ghandha tghid. Jikkonferma ukoll illi huwa ma kienx jaf li l-minuri kellha bzonn taghmel operazzjoni.

In **ri-ezami,** l-intimat sahaq illi l-attrici dejjem kellha d-dettalji tieghu ta' fejn setghet taghmel komunikazzjoni mieghu, u li fis-sena 2017, meta fethet il-proceduri ghar-rikonoximent, hi kienet ccempilu, u tipprova theddu u anke tghid kliem dispreggattiv fir-rigward ta' uliedu l-ohra. Izid illi tant kienet tibghatlu messaggi li kien biddel il-*mobile* u kien blokkjaha. Jikkonferma illi huwa kien jghaddilha l-flus ma certu John Mersini u anke persuna ohra ta' nazzjonalita Pollakka.

***L-attrici ri-prodotta nhar il-15 ta' Gunju 2022(vide fol 268 et seq)*** spjegat illi qabel telaq minn Malta, kien hemm ordni li l-intimat ma setghatx jersaq lejhom u qabel telaq kienu rawh darba u ma rawx iktar imbaghad. Meta marret bit-tifla, Ingilterra fis-sena 2016 biex tirregistraha, kienet ratu l-ajurport, izda ma kellimhiex. Izzid illi hu kien  qata kull mezz ta' kommunikazzjoni. Tikkonferma illi l-komunikazzjoni kienet issir tramite *Whatsapp* jew *mobile messages.* Tikkonferma ukoll illi meta sar id-DNA hi ma kienet qalet lil hadd hlief lil kuginuh biss, u kienet hi li sabet lit-tifla l-ohra tal-intimat, li dak iz-zmien kienet diga' maggiorenni.

Mistoqsija fuq ir-registrazzjoni tat-twelied tal-minuri gewwa l-Ingilterra, l-attrici tispjega illi hi kienet marret wahedha, izda l-intimat kien baqa ma marx maghha biex jirregistraw lill-minuri u filfatt kienet tilfet il-*flight* lura ghall-Malta izda baqghet hemm tinsisti mal-intimat biex jiffirma. Illi eventwalment l-intimat kien hallsihom ghall-*lodging* ghall-granet zejda li ghamlu l-Ingilterra u fl-ahhar kien iffirma. Tishaq illi mill-bidu ma riedx li l-minuri tigi registrata fuq ismu. Rigward l-ewwel tqala, l-attrici tispjega illi hi m'ghandha l-ebda dokumentazzjoni li turi il-kagun tat-telfa tat-tarbija u tichad illi kienet hi li riedet l-minuri tkun registrata fuq *unknown father* biex tiehu iktar f'beneficcji.

Rigward komunikazzjoni mal-intimat, l-attrici tispjega illi fil-bidu kellha komunikazzjoni illi imbaghad din waqfet f'Awwissu jew Settembru tas-sena 2015. Tikkonferma illi fis-sena 2016 kienet baghtitlu xi emails rigward ir-registrazzjoni tal-minuri, u anke fis-sena 2017, meta l-minuri kienet ser tibda skola. Illi pero ma kienitx regghet pruvat taghmel komunikazzjoni mieghu sussegwentement. Muriha d-dokument mmarkat bl-ittra "C" anness mar-risposta guramentata tal-intimat, a fol 118 u 119 tal-atti, l-attrici kkonfermat illi dawk huma messaggi li baghtet hi lill-intimat meta kienet ser tigi operata l-minuri. Izzdi illi l-kommunikazzjoni mal-intimat kienet dejjem *one way* u hu kien jibblokja u jerga unblokjaha ghal ftit kif u meta jrid hu.

***Ri-prodotta nhar il-15 ta' Gunju 2023, (vide fol 300 et seq)*** l-attrici spjegat illi l-manteniment ta' April, Mejju u Gunju ma giex versat mil-intimat. Illi fir-rigward il-kondizzjoni tal-minuri, l-attrici spjegat illi fl-ahhar apuntament li kellha giet infurmata illi t-tifla kienet tajba, u li ghandha tibqa' tiehu l-medicina preskritta u li tiekol l-ikel rakkomandat, u li tibqa' taghmel l-*isport*. Fir-rigward l-autisim u l-ADHD, il-minuri qieghda tigi kurata minn Dr Ian Azzopardi Meli, fejn giet infurmata illi l-minuri ghandha *low IQ* b'dana illi minkejja li ghandha tmien snin, hija ghandha livell ta' *IQ* ta' minuri ta' erba' jew hames snin. Il-minuri inghatat medicina sabiex hija tkun tista tikkontrolla l-ansjeta' u anke biex tkun tista' torqod. L-attrici tishaq illi fix-xahar hija tonfoq EUR 223 f'medicini biss. L-attrici kkonfermat illi l-ahhar li kien hemm kuntatt bejn il-minuri u l-intimat kien fis- 23 ta' April fl-Ghid, fejn l-intimat dam ikellem lill-minuri madwar hames minuti, pero' minn dakinhar ma regax kellimha.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri SM li twieldet nhar X, u li llum ghandha X snin.

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

[1] Enfazi tal-Qorti.

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri SM nhar X , gewwa U, u llum ghandha X snin. Illi kif irrizulta mill-provi in atti, il-minuri qieghda fuq l-Ausitism Spetrum u qieghda tirriskontra diffikulta' sostanzjali fl-aspett sensorjali li qieghed johloq diffikulta' fir-rutina tal-istess minuri. Illi din il-kondizzjoni tirrikjedi terapija, *sport,* u dieta partikolari ghall-ahhar bil-hsieb li dawn l-affarijiet kollha komplessivament jghinu lill-minuri b' din id-diffikulta.' Illi fil-prezent il-minuri tirrisjedi Malta flimkien mal-omm, filwaqt li l-intimat missier jirrisjedi l-Ingilterra.

Illi din il-Qorti b'mod preliminarji tosserva illi l-proceduri odjerni gew istitwiti kontra Kuraturi Deputati, b'dana illi fil-mori tal-proceduri, il-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-intimat assenti gew estromessi bhala tali, u minflokk giet ammessa Dr Sarah Pirotta Chircop Beck bhala l-mandatarja specjali tal-istess intimat jew bhala kuratur tal-istess intimat. (vide fol 106 et seq). Illi sussegwentement mill-atti jirriuzlta illi l-imsemmija Dr Sarah Pirotta Chircop Beck prezentata nota ta' terminazzjoni tal-mandat specjali lilha moghti. (vide verbal a fol 298 u nota a fol 299A).

Illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar tas-sena 2023, din il-Qorti ordnat illi jergghu jigu nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-attur, hekk kif kienu gia nominati fil-bidu tal-proceduri. Illi fl-udjenza tats- 7 ta' Frar 2023, din il-Qorti rat illi Dr Joseph Brincat u PL Daniel Aquilina gew mahtura bhala Kuraturi Deputati, b'dana illi l-istess Dr Jospeh Brincat fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2023, iddikjara li huwa ma rnexxilux jikkomunika mal-intimat u ghaldaqstant m'ghandux aktar provi x'jipproduci.

Illi mill-provi prodotti huwa palezi illi kienet l-attrici li hadet hsieb it-trobbija tal-minuri sa mill-bidu net, b'dana illi l-intimat missier qatt ma kien involut fil-hajja tal-minuri. Illi kif xehed is-Surmast u anke Dr Julie Galea, kemm mill-aspett akkademiku u kif ukoll mill-aspett mediku, hija l-attrici li dejjem hadet inkarigu ta' dawn ir-responsabbiltajiet. Illi filwaqt li din il-Qorti tiddubita mill-veracita' tal-versjoni tal-intimat illi l-attrici qatt ma infurmatu bil-kondizzjonijiet tal-minuri u kien biss tramite dawna l-proceduri li sar jaf bl-ezistenza taghhom, anke jekk ghas-sahha tal-argument din il-versjoni ghandha mis-sewwa, din il-Qorti tqis illi l-intimat ma wera ebda interess sabiex jikseb informazzjoni ulterjuri fuq l-istess kondizzjoni tal-minuri, u wisq anqas ma wera interess lejn xi tip ta' rapport mal-minuri, izda kien aktar mehdi jitkixxef jekk l-attrici tqassamx in-*nappies* moghtija mill-Istat lin-nies, tant illi lanqas

ma ghamel sforz sabiex ikun regolari fit-telefonati tieghu ma' bintu ta' disa' (9) snin. Illi ghalhekk huwa stat ta' fatt li l-intimat kien kompletament assenti mill-hajja tal-minuri, ghajr xi telefonata sporadika tul is-snin, u dana minkejja li issa konsapevoli tal-fatt illi l-minuri herqana li jkollha rapport mieghu u minkejja ukoll li huwa konsapevoli tal-kondizzjoni tal-istess bintu.

Minn naha l-ohra din il-Qorti rat kif l-omm, minkejja l-manjiera zbukkata taghha, dejjem ghamlet hilitha ghall-gid ta' bintha, u dana minghajr ebda tip ta' ghajnuna la dik finanzjarja u wisq anqas ghajnuna morali. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu ddecizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri ghal dak kollu li jirrigwarda l-edukazzjoni, is-sahha, is-safar u l-passaport tal-minuri u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha takkorda xi forma ta' access versu l-minuri lill-intimat. Illi din il-Qorti dejjem ritenut illi wild ghandu jkollu rapport ma' entrambi genituri dimend li tali rapport jew kuntatt huwa ta' beneficcju ghakk-istess minuri. Illi tul il-mori tal-proceduri odjerni, din il-Qorti ghamlet diversi tenattivi sabiex tipprova tintroduci xi forma ta' rapport anke jekk wiehed telefoniku bejn il-minuri li tant kienet ghatxana ghal rapport ma' missierha. Illi minkejja l-premuri ta' din il-Qorti illi tali kuntatt irrid ikun wiehed regolari, l-intimat wera illi huwa mhuwiex persuna affidabbli u ghalhekk din il-Qorti ma tistax in buona conscenza takkorda access lill-intimat.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes illum il-gurnata, apparti l-fatt li l-hajja qieghda tghola b'rata piutost rapida.  Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom"*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero' u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq dan jillimita l-kapacita' ta' dak il-genitur li jiggenera introjtu akbar minn

dak li ghandu fil-prezent.

Il-Qorti taghraf illi l-abbandun totali da parti tal-intimat tul hajjet il-minuri ghajr ghal xi pagamenti ta' manteniment sporadici, wasslet lir-rikorrenti trabbi lil minuri wahedha kompletament. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri u l-kondizzjoni tal-minuri, inkluz id-diversi appuntamenti medici, u dawk ta' terapija, ma jaghtux wisq opportunita' lill-attrici issib impjieg. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Illi din il-Qorti rat illi fl-affidavit taghha, l-attrici indikat numru ta' spejjes mensieli li hija tinkorri ghall-minuri. Illi din il-Qorti tifhem illi dawna l-ispejjes ser jawmentaw hekk kif il-minuri tkompli tikber. Il-Qorti tosserva illi permezz ta' digriet pendente lite datat 4 ta' Marzu 2022, (vide fol 220 et seq), din il-Qorti ffissat manteniment ta' EUR 350 fix-xahar, liema manteniment jinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi din il-Qorti rat ukoll illi hemm rikors iehor ghall-awment fl-ammont ta' manteniment ordnat, fejn l-attrici qieghda titlob li l-manteniment jigi awmentat ghal EUR 450 fix-xahar. Illi minn naha l-ohra din il-Qorti rat ukoll illi l-intimat fit-testimonjanza tieghu ddikjara illi huwa jippercepixxi introjtu ta' elf lira sterlina (£1000) fix-xahar, u minnha jridu jghixu zewg adulti, 2 itfal, ihallas il-kera, *council tax*, dawl, ilma u gass, *fuel* u kif ukoll xi medicina li ma tigix provduta mill-NHS. Illi l-Qorti tosserva illi giet esebita dokumentazzjoni li tikkorabora dana l- ammont percepiet. (Vide fol 204 et seq)

Illi filwaqt li din il-Qorti hija konsapevoli illi minhabba l-kondizzjoni tal-minuri, l-attrici tinkorri aktar spejjes, din il-Qorti effettivament tinnota illi ma giet esebita l-ebda prova oggettiva li tindika illi l-minuri ghandha bzonn il-medicinali kollha indikati fil-kopja tal-ircevuta annessa mar-rikors ghall-awment fil-manteniment, ghajr il-*movicol* u l-*melilax* li saret referenza ghalihom fit-testimonjanza ta' Dr Galea, u il-calpol li ovjament hija medicinali li tintuza regolarment ghat-tfal kull darba li jkunu morda.  Illi ciononostante din il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut ghandu jigi awmentat ghal EUR 400 fix-xahar, liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitjiet extrakurrikulari li huma essenzjali ghall-benessere tal-minuri bint il-partijiet u dana tenut kont tal-kondizzjoni taghha. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelied tal-minuri, din il-Qorti rat illi filwaqt li l-attrici tirrileva illi kien biss fil-bidu li l-intimat ivversa xi forma ta' manteniment ghall-minuri binthom, l-intimat jishaq illi kien hemm snin fejn huwa kien qieghed jivversa manteniment, u li hu waqaf ihallas manteniment meta l-attrici qaltlu li l-minuri mhux bintu. Illi mid-dokumentazzjoni esebita mar-risposta guramentata tal-intimat, u cioe il-*bank statements a fol 193 et seq*, jidher illi mis-sena 2015 sas-sena 2016, l-intimat kien effettivament qieghed jivversa manteniment. Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas arretrati mis-sena 2017 sad-data tad-digriet ta' din il-Qorti u cioe id-digriet pendente lite datat 4 ta' Marzu 2022, fl-ammont ta' EUR 250 kull xahar. Illi *di piu* din il-Qorti tordna illi kwalsiasi arretrati li huma dovuti u li ghadhom ma thallsux insegwitu tad-digriet ta' din il-Qorti tal- 4 ta' Marzu 2022, huma ukoll dovuti.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri SM ghandha tkun vestita unikament u esklussivament fl-attrici omm, u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm u li d-domicilju u residenza ordinarja taghha ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin, u tawtorizza lill-attrici tiehu dawk id-decisjonijiet kollha relatati mas-sahha, safar, hrug, tigdid u gbir ta' passaport u edukazzjoni tal-istess minuri minghajr il-kunsens, il-firma u l-presenza tal-intimat, inkluz tigdid tal-karta tal-identita' u l-permess tar-residenza u kull dokument iehor li jinvolvi lill-minuri u dana minghajr il-kunsens, il-firma u l-presenza tal-intimat;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' EUR 400 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma ghandha tigi versata f'kont bankarju indikat mill-istess attrici, u liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-ammont ghandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18)- il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full-time;**
3. **Tilqa' it-tielet talba u tordna lill-intimat ihallas l-arretrati dovuti mis-sena 2017 sal- 4 ta' Marzu 2022, fl-ammont ta' EUR 250 fix-xahar, b'dana illi tordna illi kwalsiasi arretrati li huma dovuti u li ghadhom ma thallsux wara d-digriet ta' din il-Qorti tal- 4**

**ta' Marzu 2022, huma ukoll dovuti;**

4. **Tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li jistghu talvolta l-minuri u/jew l-attrici ikunu eliggibli ghalihom ghandhom ikunu pagabbli lil-attrici;**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**